



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi

(Kawża C-22/15)<sup>1</sup>

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 132(1)(m) — Provvisti ta’ servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Eżenzjoni tal-kiri ta’ rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta’ assoċjazzjonijiet ta’ sport nawtiku fil-kuntest ta’ attivitajiet ta’ navigazzjoni jew divertiment li ma jistgħux jitqiesu simili għall-isport jew għall-edukazzjoni fiżika — Benefiċċju ta’ eżenzjoni limitat għall-membri ta’ assoċjazzjonijiet ta’ sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b’salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom — Esklużjoni — Punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133”

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet — Eżenzjoni ta’ provvista ta’ ċerti servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika, ipprovduti minn entitajiet mingħajr skop ta’ lukru lill-persuni li jipprattikaw l-imsemmija attivitajiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta l-kiri ta’ rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta’ assoċjazzjonijiet ta’ sport nawtiku fil-kuntest ta’ attivitajiet ta’ navigazzjoni jew divertiment li ma jistgħux jitqiesu simili għall-isport jew għall-edukazzjoni fiżika — Inammissibbiltà [Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 132(1)(m)] (ara l-punti 21-25, 28, 29)*
2. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet — Eżenzjoni ta’ provvista ta’ servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika, ipprovduti minn entitajiet mingħajr skop ta’ lukru lill-persuni li jipprattikaw l-imsemmija attivitajiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-eżenzjoni għall-assoċjazzjonijiet ta’ sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b’salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom — Inammissibbiltà [Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 132(1)(m)] u punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133] (ara l-punti 43-44)*

<sup>1</sup> — ĠU C 228, 13.7.2015.

## Dispożittiv

- 1) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 2(1), 24(1), u 133 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mal-Artikolu 132(1)(m), ta' din id-direttiva:
  - billi jeżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' navigazzjoni jew ta' divertiment li ma jistgħux jitqiesu sport jew edukazzjoni fiżika, il-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes lill-membri ta' assoċjazzjonijiet ta' sport nawtiku li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom, u
  - billi jillimita, meta l-kiri ta' rmiġġi u mħażen tad-dgħajjes isir lil persuni li jipprattikaw l-isport u li l-kiri tkun strettament marbuta u indispensabbli għall-prattika ta' dan l-isport, l-eżenzjoni tal-kiri lill-assoċjazzjonijiet ta' sports nawtiċi li ma jimpjegawx persuni b'salarju għall-provvista tas-servizzi tagħhom.
- 2) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż.